

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1542**

tal-15 ta' Ottubru 2018

li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

(ĠU L 259, 16.10.2018, p. 12)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Pàġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/84 tal-21 ta' Jannar 2019	L 18I	1	21.1.2019
► <u>M2</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1163 tal-5 ta' Lulju 2019	L 182	33	8.7.2019
► <u>M3</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1463 tat-12 ta' Ottubru 2020	L 335	1	13.10.2020
► <u>M4</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1480 tal-14 ta' Ottubru 2020	L 341	1	15.10.2020
► <u>M5</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/595 tal-11 ta' April 2022	L 114	60	12.4.2022
► <u>M6</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1936 tat-13 ta' Ottubru 2022	L 268	7	14.10.2022
► <u>M7</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2228 tal-14 ta' Novembru 2022	L 293I	1	14.11.2022
► <u>M8</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1965 tal-15 ta' Lulju 2024	L 1965	1	16.7.2024



REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1542

tal-15 ta' Ottubru 2018

li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “armi kimiċi” tfisser armi kimiċi kif definit fl-Artikolu II tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC);
- (b) “pretensjoni” jfisser kwalunkwe pretensjoni, kemm jekk iddikjarata bi proċedimenti legali kif ukoll jekk le, li ssir qabel jew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta magħhom, u tinkludi b'mod partikolari:
 - (i) pretensjoni ta' prestazzjoni ta' kwalunkwe obbligu li jirriżulta skont kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta magħhom;
 - (ii) pretensjoni ta' estensjoni jew ta' ħlas ta' bond, garanzija finanzjarja jew indennizz ta' kwalunkwe forma;
 - (iii) pretensjoni ta' kumpens fir-rigward ta' kuntratt jew tranżazzjoni;
 - (iv) kontropretensjoni;
 - (v) pretensjoni ta' rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni, inkluż permezz tal-proċedura ta' *exequatur* ta' sentenza, ta' deċiżjoni arbitrali jew ta' deċiżjoni ekwivalenti, tkun fejn tkun saret jew ingħatat;
- (c) “kuntratt jew tranżazzjoni” tfisser kwalunkwe tranżazzjoni ta' liema forma tkun u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, kemm jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew f'obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew partijiet differenti; għal din il-fini, “kuntratt” tinkludi bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, u kreditu, kemm jekk legalment indipendenti kif ukoll jekk le, kif ukoll kull dispożizzjoni relatata li tiġi mit-tranżazzjoni jew li tkun konnessa magħha;
- (d) “awtoritajiet kompetenti” tirreferi għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fis-siti web elenkati fl-Anness II;
- (e) “riżorsi ekonomiċi” tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumex fondi, iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;
- (f) “iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi” tfisser il-prevenzjoni tal-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, prodotti jew servizzi b'kull mod, inkluż, iżda mhux limitat għall-bejgħ, il-kiri jew l-użu tagħhom bħala ipoteka;

▼B

- (g) “iffriżar ta' fondi” tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe ċaqliq, trasferiment, alterazzjoni, użu, aċċess, jew trattar ta' fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, fl-ammont, fil-post, fis-sjeda, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew fi bdil ieħor li jippermetti li l-fondi jintużaw, inkluża ġestjoni ta' portafolli;
- (h) “fondi” tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull tip, inkluż, iżda mhux limitat għal:
 - (i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, money orders u strumenti oħra ta' pagament;
 - (ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, djun u obbligi ta' dejn;
 - (iii) titoli u strumenti ta' dejn innegożjati pubblikament jew privatament, inklużi l-istokks u l-ishma, iċ-ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, ċertifikati, obbligazzjonijiet u kuntratti tad-derivattivi;
 - (iv) imgħax, dividendi jew introjtu ieħor minn assi jew il-valur provenjenti jew iġġenerat minnhom;
 - (v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji ta' eżekuzzjoni jew impenji finanzjarji oħrajn;
 - (vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, poloz ta' bejgħ; u
 - (vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew friżorsi finanzjarji;
- (i) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li t-Trattat huwa applikabbli għalihom, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-isparju tal-ajru tagħhom;

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, jew li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I. jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. L-Anness I għandu jinkludi persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544, ġew identifikati mill-Kunsill bħala:

- (a) persuni fiżiċi li huma responsabbli għal, li jipprovdu appoġġ finanzjarju, tekniku jew materjali lil jew li huma involuti b'mod ieħor:

▼B

- (i) fil-manifattura, l-akkwist, il-pussess, l-iżvilupp, it-trasport, il-ħażna jew it-trasferiment ta' armi kimiċi;
- (ii) fl-użu ta' armi kimiċi; jew
- (iii) fi kwalunkwe tħejjija għall-użu ta' armi kimiċi;
- (b) persuni fiżiċi li jassistu, jinkoraġġixxu jew jipperswadu kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp biex jimpenjaw ruħhom fi kwalunkwe attività msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu u b'dan il-mod jikkawżaw jew jikkontribwixxu għal theddida li tali attivitajiet jistgħu jittieħdu; u
- (c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi assoċjati mal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi koperti mill-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

▼M8*Artikolu 2a*

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għall-fondi jew riżorsi ekonomiċi li jsiru disponibbli minn organizzazzjonijiet u aġenziji li huma vvalutati skont il-pilastru mill-Unjoni u li magħhom l-Unjoni ffirmat ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja li abbażi tiegħu l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji jaġixxu bħala sħab umanitarji tal-Unjoni, dment li l-għoti ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun meħtieġ għal finijiet esklużivament umanitarji.

2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet speċifiċi jew ġenerali, taħt tali kundizzjonijiet ġenerali jew speċifiċi li huma jqisu xierqa, biex jirrilaxxaw ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew biex jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, dment li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun meħtieġ għal finijiet esklużivament umanitarji.

3. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva, talba għall-informazzjoni jew notifikazzjoni għal iktar żmien mill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 2, l-awtorizzazzjoni għandha titqies li nġhatat.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 2 jew 3 fi żmien ġimagħtejn mid-data tal-għoti ta' dik l-awtorizzazzjoni.

▼B*Artikolu 3*

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu:

- (a) neċessarji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, u tal-membri dipendenti tal-familji ta' dawn il-persuni fiżiċi, inkluż ħlas għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteki, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u spejjeż ta' servizzi pubbliċi;

▼B

- (b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta' spejjeż marbutin mal-ġhoti ta' servizzi legali;
- (c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti għal servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kundizzjoni li l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li kkunsidrat li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika abbażi tagħhom, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew
- (e) se jitħallsu f'kont jew minn kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali, sal-miżura li tali pagamenti jkunu maħsuba għal finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fi żmien ġimagħtejn bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali meħuda qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fl-Artikolu 2 iddaħħlu fil-lista fl-Anness I, jew ikunu s-suġġett ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva fl-Unjoni jew deċiżjoni ġudizzjarja eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;
- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu se jintużaw esklussivament biex jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet iggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonossuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;
- (c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u
- (d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx imur kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fi żmien ġimagħtejn bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1) u bil-kundizzjoni li pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I ikun dovut skont kuntratt jew ftehim li ġie konkluż, jew skont obbligu li rriżulta għall-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernat qabel id-data ta' meta dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp iddaħħlu fl-Anness I, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kundizzjonijiet li jqisu li jkunu adattati, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dejjem jekk l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu se jintużaw għal pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u
- (b) il-pagament ma jkunx bi ksur tal-Artikolu 2(2);

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fi żmien ġimagħtejn bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 6

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu li jirċievu fondi ttrasferiti minn terzi fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati milli jikkreditaw il-kontijiet iffriżati, dment li kull żieda f'dawn il-kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti bi kwalunkwe tranżazzjoni ta' dan it-tip, mingħajr dewmien.

2. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet;
- (b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 2 ġew inklużi fl-Anness I; jew
- (c) pagamenti dovuti skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali meħuda fi Stat Membru jew eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 7

1. Bla preġudizzju għar-regoli applikabbli li jikkonċernaw ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

- (a) jagħtu minnufih kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-informazzjoni fuq kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, u għandhom jitttrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-Istat Membru, lill-Kummissjoni; u
- (b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti f'kull verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kull informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni tirċievi direttament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

▼B

3. Kull informazzjoni pprovduta jew li tasal f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li tkun ingħatat jew waslet għalihom.

Artikolu 8

Il-partekipazzjoni b'mod konxju u bi ħsieb, fattivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemija fl-Artikolu 2 għandha tkun ipprobita.

Artikolu 9

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq *bona fide* fuq il-bażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux johlq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew tad-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. Azzjonijiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma għandhom joħlqu l-ebda tip ta' responsabbiltà min-naħa tagħhom jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 10

1. L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni, li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kull pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, partikolarment pretensjoni għal estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kull għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk din issir minn:

- (a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ddeżinjati, elenkati fl-Anness I;
- (b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' waħda mill-persuni, entitajiet jew korpi imsemmija fil-punt (a) jew fisimhom.

2. F'kull proċediment għall-eżekuzzjoni ta' pretensjoni, l-oneru tal-prova li l-issodisfar tal-pretensjoni mhux ipprojbit mill-paragrafu 1 għandu jkun fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed ifittxu l-eżekuzzjoni ta' dik il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa bla preġudizzju għad-dritt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, tal-entitajiet u tal-korpi msemija fil-paragrafu 1 għal sħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligi kuntrattwali f'konformità ma' dan ir-Regolament.



Artikolu 11

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin bil-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u jikkondividu kull informazzjoni oħra rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta ma' dan ir-Regolament, partikolarment informazzjoni:

- (a) dwar il-fondi ffriżati skont l-Artikolu 2 u l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 3, 4 u 5;
- (b) dwar ksur u problemi ta' eżekuzzjoni u sentenzi mogħtija minn qradi nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni b'kull informazzjoni rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissottoporti persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemija fl-Artikolu 2, hu għandu jemenda l-Anness I skont dan.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjonietieghu, inkluż r-raġunijiet għall-ejenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika l-entità jew il-korp imsemmi fil-paragrafu 2 direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jagħti l-opportunità lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jippreżenta osservazzjonijiet.

3. Meta jitressqu osservazzjonijiet, jew meta tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, lill-entità jew lill-korp.

4. Il-lista fl-Anness I għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 13

1. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-ejenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, tal-entitajiet jew tal-korpi kkonċernati.

2. L-Anness I għandu jinkludi, meta tkun disponibbli, informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, il-ġeneru, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 14

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn ir-regoli lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 15

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-*data* personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament. Dawn il-kompiti jinkludu:

- (a) l-inklużjoni tal-kontenut tal-Anness I fil-“Lista kkonsolidata ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji tal-UE” elettronika, u fil-mappa interattiva ta' Sanzjonijiet mill-UE, li huma t-tnejn aċċessibbli għall-pubbliku;
- (b) l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri ta' dan ir-Regolament bħall-valur tal-fondi ffriżati u informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, is-servizz tal-Kummissjoni elenkat fl-Anness II huwa nnominat bħala “kontrollur” għall-Kummissjoni fis-sens tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fuq is-siti web elenkati fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-bidliet kollha fl-indirizzi tas-siti web tagħhom elenkati fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.

3. Meta dan ir-Regolament jistipula rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata, jew li ssir xi komunikazzjoni magħha b'xi mod ieħor, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li jridu jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fl-ispazju tal-ajru tagħha;
- (b) abbord kull ingenu tal-ajru jew kull bastiment fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (c) għal kull persuna fiżika fit-territorju jew barra mit-territorju tal-Unjoni li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

▼B

- (d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp, fit-territorju jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, fl-Unjoni.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ B

ANNEX I

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI
MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2▼ M1

A. PERSUNI FIŻIĊI

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-ejenkar
1. Tariq YASMINA	magħruf ukoll bħala: Tarq Yasmīna طارق ياسمينه Sess: raġel Titlu: Kurunell; Nazżjonalità: Sirjana	Tariq Yasmīna jaġixxi bħala l-uffiċjal ta' kuntatt bejn is-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) u l-Palazz Presidenzjali, u, bħala tali, huwa mdaħħal fl-użu u t-tħejjijiet għall-użu ta' armi kimiċi mir-reġim Sirjan.	21.1.2019
2. Khaled NASRI	magħruf ukoll bħala: Mohammed Khaled Nasri; Haled Natsri; خالد نصري محمد خالد نصري Sess: raġel Titlu: Kap tal-Istitut 1000 tal-SSRC; Nazżjonalità: Sirjana	Khaled Nasri huwa d-Direttur tal-Istitut 1000, it-taqsim tas-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' sistemi tal-informatika u elettroniki għall-programm ta' armamenti kimiċi tas-Sirja.	21.1.2019
3. Walid ZUGHAIB	magħruf ukoll bħala: Zughib, Zgha'ib, Zughayb; وليد زغب Titlu: Dottor, Kap tal-Istitut 2000 tal-SSRC; Sess: raġel Nazżjonalità: Sirjana	Walid Zughaib huwa d-Direttur tal-Istitut 2000, it-taqsim tas-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp mekkaniku u l-produzzjoni għall-programm ta' armamenti kimiċi tas-Sirja.	21.1.2019
4. Firas AHMED	magħruf ukoll bħala: Ahmad; فراس أحمد Titlu: Kurunell, Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà fl-Istitut 1000 tal-SSRC; Sess: raġel Data tat-twelid: 21 ta' Jannar 1967; Nazżjonalità: Sirjana	Firas Ahmed huwa d-Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà tal-Istitut 1000, it-taqsim tas-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' sistemi tal-informatika u elettroniki għall-programm ta' armamenti kimiċi tas-Sirja. Kien imdaħħal fit-trasferiment u l-ħabi ta' materjali marbuta ma' armamenti kimiċi wara l-ađeżjoni tas-Sirja mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.	21.1.2019

▼ **M1**

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-ejenkar
▼ M3			
5. Said SAID	magħruf ukoll bħala: Saeed, Sa'id Sa'id, سعيد سعيد Titlu: Dottor, membru tal-Istitut 3000 (magħruf ukoll bħala l-Istitut 6000) tal-SSRC; Sess: raġel; Data tat-twelid: 11 ta' Diċembru 1955	Said Said huwa figura sinifikanti fl-Istitut 3000 magħruf ukoll bħala l-Istitut 6000, it-taqsim tas- <i>Scientific Studies and Research Centre</i> (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi kimiċi tas-Sirja.	21.1.2019
▼ M1			
6. Anatoliy Vladimirovich CHEPIGA	Анатолий Владимирович ЧЕПИГА, magħruf ukoll bħala Ruslan BOSHROV Sess: raġel Dati tat-twelid: 5 ta' April 1979; 12 ta' April 1978 Postijiet tat-twelid: Nikolaevka, Amur Oblast, Russja; Dushanbe, Taġikistan	Anatoliy Chepiga (magħruf ukoll bħala Ruslan Boshirov), uffiċjal tal-GRU, kellu fil-pussess tiegħu, ittrasporta, u mbagħad, fi tmiem il-ġimgħa tal-4 ta' Marzu 2018, f'Salisbury, uża aġent nervin tossiku ("Novichok"). Fil-5 ta' Settembru 2018, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni tal-Kuruna tar-Renju Unit akkuża lil Ruslan Boshirov b'komplott biex jinqatel Sergei Skripal; bl-attentat ta' qtil ta' Sergei Skripal, Yulia Skripal u Nick Bailey; bl-użu u l-pussess ta' Novichok; u b'offiża gravi intenzjonata fuq il-persuna ta' Yulia Skripal u fuq il-persuna ta' Nick Bailey.	21.1.2019
7. Alexander Yevgeniyevich MISHKIN	Александр Евгеньевич МИШКИН, magħruf ukoll bħala Alexander PETROV Sess: raġel Data tat-twelid: 13 ta' Lulju 1979 Postijiet tat-twelid: Loyga, Russja; Kotlas, Russja	Alexander Mishkin (magħruf ukoll bħala Alexander Petrov), uffiċjal tal-GRU, kellu fil-pussess tiegħu, ittrasporta, u mbagħad, fi tmiem il-ġimgħa tal-4 ta' Marzu 2018, f'Salisbury, uża aġent nervin tossiku ("Novichok"). Fil-5 ta' Settembru 2018, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni tal-Kuruna tar-Renju Unit akkużah b'komplott biex jinqatel Sergei Skripal; l-attentat ta' qtil ta' Sergei Skripal, Yulia Skripal u Nick Bailey; użu u pussess ta' Novichok; u offiża gravi intenzjonata fuq il-persuna ta' Yulia Skripal u fuq il-persuna ta' Nick Bailey.	21.1.2019
8. Vladimir Stepanovich ALEXSEYEV	Владимир Степанович АЛЕКСЕЕВ Sess: raġel Titlu: L-Ewwel Viċi Kap tal-GRU	Vladimir Stepanovich Alexseyev huwa L-Ewwel Viċi Kap tal-GRU (magħruf ukoll bħala l-ĠU). Minħabba r-rwol ta' tmexxija fl-ivell għoli tiegħu fil-GRU, Alexseyev huwa responsabbli għall-pussess, trasport u użu f'Salisbury, fi tmiem il-ġimgħa tal-4 ta' Marzu 2018, tal-aġent nervin tossiku "Novichok" minn uffiċjali tal-GRU.	21.1.2019

▼ **M1**

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-ejenkar
9. Igor Olegovich KOSTYUKOV	Игорь Олегович КОСТЮКОВ Sess: raġel Titlu: Kap tal-GRU	Igor Olegovich Kostyukov, minħabba r-rwol ta' tmexxija flivell għoli tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tal-GRU (magħruf ukoll bħala l-ĠU) f'dak iż-żmien, huwa responsabbli għall-pussess, trasport u użu f'Salisbury, fi tmiem il-ġimgħa tal-4 ta' Marzu 2018, tal-aġent nervin tossiku "Novichok" minn uffiċjali tal-GRU.	21.1.2019

▼ **M4**

